IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.5.2025
COM(2025) 193 final

2025/0105 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt dwar ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, u l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Renju tat-Tajlandja b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tagħha u l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi

Il-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") għandu l-għan li jistabbilixxi relazzjoni li tħares 'il quddiem b'perspettiva aktar strutturata u strateġika, valuri kondiviżi u kwistjonijiet ta' interess reċiproku, akkumpanjata minn djalogu komprensiv u kooperazzjoni bejn il-Partijiet f'setturi ta' interess komuni. Il-Ftehim ilu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-20 ta' Ottubru 2024.

2.2. Il-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt ġie mwaqqaf bl-Artikolu 52 tal-Ftehim. Il-kompiti ewlenin tiegħu huma li jiżgura l-funzjonament u l-implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim u jistabbilixxi prijoritajiet fir-rigward tal-għanijiet tal-Ftehim. Il-funzjonijiet l-oħra tal-Kumitat Konġunt jinkludu: li jagħmel rakkomandazzjonijiet għall-promozzjoni tal-għanijiet tal-Ftehim, isolvi kwalunkwe differenza jew diverġenza li tirriżulta fl-interpretazzjoni, l-implimentazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim, jeżamina l-informazzjoni kollha fir-rigward tan-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi skont il-Ftehim.

Il-Kumitat Konġunt jagħmel rakkomandazzjonijiet u jadotta deċiżjonijiet, fejn xieraq, biex jagħti effett lill-aspetti speċifiċi ta' dan il-Ftehim. Il-Kumitat Konġunt jopera b'kunsens u ġeneralment jiltaqa' fil-livell ta' uffiċjali għolja. Il-Kumitat Konġunt irid jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. Huwa jista' jistabbilixxi gruppi ta' ħidma speċjalizzati biex jittrattaw kwistjonijiet speċifiċi.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt

Waqt l-ewwel laqgħa tiegħu, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjonijiet fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom ("l-att previst").

Il-fini tal-att previst hi li, f'konformità mal-Artikolu 52(5) tal-Ftehim, jadotta r-regoli ta' proċedura li jirfdu l-organizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt u t-termini ta' referenza tal-gruppi ta' ħidma speċjalizzati. Il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għandha timmira lejn l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u t-Tajlandja u t-termini ta' referenza tal-gruppi ta' ħidma speċjalizzati. Il-pożizzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi ta' deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi atti li għandhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE*"[1].

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat Konġunt huwa korp imwaqqaf permezz ta' ftehim, speċifikament il-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra.

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b'effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 52(5) tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra, moqri flimkien mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura previsti.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst isegwi żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun identifikabbli bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi legali sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta' att previst li jsegwi b'mod simultanju għadd ta' objettivi, jew li għandu diversi komponenti, li huma marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi legali sostantiva ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE jkollha tinkludi, eċċezzjonalment, id-diversi bażijiet legali korrispondenti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst jirrigwardaw il-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

Għalhekk, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 209 TFUE.

---

[1] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 209, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

2025/0105 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt dwar ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, u l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 209, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") ġie ffirmat fl-14 ta' Diċembru 2022 u applikat b'mod proviżorju mill-20 ta' Ottubru 2024, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2562[2].

(2) Skont l-Artikolu 52(5) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

(3) Matul l-ewwel laqgħa tiegħu, il-Kumitat Konġunt irid jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu, kif ukoll it-termini ta' referenza tal-gruppi ta' ħidma speċjalizzati.

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt, peress li d-deċiżjoni li tadotta r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u d-deċiżjoni fir-rigward tal-adozzjoni tat-termini ta' referenza tal-gruppi ta' ħidma speċjalizzati se jkollhom effetti legali skont it-tifsira tal-Artikolu 218(9) TFUE.

(5) Għalhekk jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjonijiet mehmuża fl-annessi,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Artikolu 52(1) tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u l-istabbiliment tal-gruppi ta' ħidma speċjalizzati u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom għandha tkun ibbażata fuq l-abbozzi tal-atti tal-Kumitat Konġunt mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

[2] ĠU L 330, 23.12.2022, p. 70–71.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President